# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 1 ta' Marzu, 2022**

**Numru**

**Rikors Numru 669/19TA**

**Malta Dairy Products Limited [C-7833]**

**vs**

**Kevin Camilleri [K.I. 193085(M)]**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tas-Soċjetá konvenuta ippreżentat fit-8 ta' Lulju 2019 u maħlufa fl-istess jum minn Martin Grech li permezz tiegħu ippremettiet u talbet is-segwenti:-

1. "Illi permezz ta' kuntratt datat disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju 2014 in atti tan- Nutar Dottor James Grech, L-intimat ikkosstitwixxa ruħu veru, cert u likwidu debitur a favur tal-kumpanija rikorrenti fis-somma kapitali ta' mitejn tlieta u ħamsin elf mija tlieta u sebgħin Euro u tlettax-il ċentezmu(€253,173.13),liema ammont jirrappreżenta bilanċ ta' prezz ta' ħalib u prodotti ta' ħalib mibjugħa u konsenjati mill-

kumpanija rikorrenti lill-intimat fuq ordnijiet tiegħu stess (ara kuntratt anness u mmarkat 'DOK A');

2. Illi l-kuntratt imsemmi kien jikkontempla illi l-intimat kellu jħallas din is-somma kapitali lura fi żmien seba' (7) snin mid-data tal-kuntratt innifsu u dan kellu jagħmlu flimkien ma' imgħax bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%), kalkulabbli a scaletta, b'pagamenti mensili ta' tlett elef ħames mija tmienja u sebgħin Ewro tlieta u tletin ċentezmu (€3,578.33) u dan kif spjegat fid-"Dokument B" anness mal-imsemmi kuntratt;

3. Illi l-kuntratt kien ukoll jikkontempla sitwazzjoni fejn f'każ illi d-debitur ma jħallasx l-ammont tas-somma kapitali u l-imgħax bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%) skond kif stipulat fil-kuntratt, ir-rata ta' imgħax fuq is-somma kapitali kienet tinbidel għal waħda ta' tmienja fil-mija (8%) minflok dik ta' ħamsa fil-mija (5%).F'każ illi l-intimat kien jonqos milli jħallas kwalunkwe' żewġ (2) rati mensili, hu kien jitlef il-benefiċċju taż-żmien bil-konsegwenza illi s-somma kapitali dovuta kif ukoll l-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) isiru dovuti lill-kumpannija rikorrenti minnufiħ;

4. Illi l-aħħar pagament mensili effettwat mill-intimat ai termini tal - kuntratt de quo sar fis-sitta (6) ta' Jannar 2016 (ara prospett anness u mmarkat 'DOK B');

5. Illi il-bilanċ pendenti huwa ta' mitejn u tlett elef tliet mija sitta u tmenin Ewro u sebgħin ċentezmu (€203,386.70);

6. Illi minkejja id-diversi interpellazjonijiet magħmula,inkluża l-ittra uffiċjali numru 997/2016 tat-28 ta' Marzu 2016 (ara ittra annessa u mmarkata 'DOK C'),l-intimat baqa' inadempjenti;

7. Illi għal kul bwon fini jingħad illi dan l-ammont jirrappreżenta parti minn dejn akbar fis-somma kapitali totali ta' ħames mija sebgħa u għoxrin elf ħames mija u erbgħin Ewro tlieta u ħamsin ċenteżmu (€527,540.53),ilkoll rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' ħalib u prodotti tal-ħalib mibjugħa u konsenjati mill-kumpannija rikorrenti lill-intimat fuq ordnijiet tiegħu stess. Di fatti, l-ammont minn dan il-bilanċ illi mhuwiex kopert mill-kuntratt mertu tal-kawża odjerna u li jammonta għall-tliet mija erbgħa u għoxrin elf mija tlieta u ħamsin Ewro erbgħa u tmenin ċenteżmu(€324,153.84), huwa il-mertu ta kawża oħra intavolata fit-22 ta' Gunju 2016 mill-kumpannija rikorrenti kontra l-

intimat -ara kawża fl-ismijiet **Malta Dairy Products Limited –vs– Kevin Camilleri (Rikors Guramentat numru 496/2016 RGM).**

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, il-kumpannija rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti, jogħgobha:

1. Tiddikjara illi l-intimat huwa debitur tal-kumpannija fl-ammont ta' mitejn u tlett elef sitt mija sitta u tmenin Ewro u sebgħin ċenteżmu (€203,386.70) rappreżentanti bilanċ ta' ammont dovut mill-intimat lill-kumpannija rikorrenti ai termini tal-kuntratt notarili datat disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju 2014 fejn l-intimat ikkostitwixxa ruħu veru, cert u likwidu debitur tal-kumpannija rikorrenti;

2. Tikkundanna lill-intimat iħallas l-ammont premess lill-kumpannija rikorrenti.

Bl-ispejjeż inklużi tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat kontwestwalment ma' dan ir-rikors ġuramentat, u bl-imgħax legali ta' tmienja fil-mija (8%) fuq is-somma kapitali dekorribli mid-data tal-kuntratt imsemmi sad-data tal-pagament effettiv.

L-intimat huwa minn issa ingunt għas-subizzjoni tiegħu."

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Konvenut ippreżentata fl-14 t'Ottubru 2019 u maħlufa minnu fl-istess data li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa s-segwenti:-

"**It-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda, u dan għas-segwenti raġunijiet;**

1. Fl-ewwel lok, billi din il-kawża hija ibbażata fuq kuntratt li qiegħed jigi impunjat f'kawża oħra li ġiet preżentata fit-28 ta' Mejju 2019,ossia 515/19TA *Kevin Camilleri vs Malta Dairy Products (C7833)*, din l-Onorabbli Qorti għandha tistenna l-eżitu ta' dik l-ewwel kawża, inkella alternattivament, tapplika l-provvediment tal-artikoli 792 u/jew 793 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Fit-tieni lok, kuntrarjament għal dak li jintqal fil-premessa numru tlieta (3) tar-rikors ġuramentat, il-kuntratt mertu tal-kawża jikkontempla imgħax "ulterjuri" ta' tmienja fil-mija (8%) fuq bilanċ ta' somma li minnha nniffisha diġa' tkun tinkorpora imgħax bir-rata' ta' ħamsa fil-mija (5%); jidher ċar dan mit-tieni paġna tal- kuntratt anness mal-istess rikors ġuramentat (it-tieni u it-tielet paragrafi), u dan minkejja kull

spjegazzjoni mod ieħor li tipprova tagħti s-soċjeta' attrici. B'dana jfisser illi t-talba ma tistax tintlaqa għaliex il-bażi tagħha huwa kuntratt li jinkorpora fih disposizzjonijiet mhux permess mil-Ligi;

3. Fit-tielet lok, apparti dan, is-soċjeta' attriċi jeħtieg tipprova bil-produzzjoni tad-debiti fatturi illi l-ammonti fil-prospett esebiti, li mbagħad wasslu għas-somma msemmija fil-kuntratt *de quo* ma jinkoporawx fihom imgħax li mbagħad magħdud mal-imgħax mitlub hawnhekk, jisbħu dak permess mil-Ligi;

4. Fir-raba' lok, fi kwalunkwe każ, is-soċjeta' attriċi jeħtieg iġġib prova tal-kapital pretiż;

Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' attriċi."

Rat il-verbal tal-udjenza tal-25 ta' Frar 2020 fejn il-partijiet qablu illi l-provi kollha li qed jinġiebu fil-kawża fl-ismijiet inversi rikors numru 515/2019 għandhom japplikaw għal din il-kawża u vice versa.

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenża tal-15 ta' Diċembru 2021 fejn il-kawża tħalliet għal-llum għas-sentenza.

**Punti ta' fatti**

Il-fatti ewlenin li jemerġu mill-atti proċesswali juru s-segwenti:

1. L-Attur kien distributur tas-Soċjetá konvenuta. Dan jiġifieri kien jixtri l-prodott mingħandha biex ibiegħu lill-ħwienet (ara xhieda Attur fil-kawża numru 515/2019 a' fol 120 faċċata 2).
2. L-Attur ma żammx mal-obbligazzjonijiet li ntrabat bihom fil-ftehim ta' distribuzzjoni li huwa għamel mas-soċjetá Konvenuta. Dan minħabba li sab ruħu moruż fil-pagamenti dovuti minnu lis-soċjetá Konvenuta fl-ammont ta' €253,173.13 (ara xhieda Attur fil-kawża nurmu 515/2019 a' fol 121 et seq faċċata 2).
3. Minkejja li s-Soċjetá konvenuta interpellatu diversi drabi biex iħallas dan il-bilanċ minnu dovut, l-Attur baqa inadempjenti (ara xhieda Martin Grech, Chief Financial Officer fi ħdan is-Soċjetá Konvenuta, fil-kawża 515/2019 a' fol 101 faċċata 2).
4. Is-Soċjetá konvenuta għalhekk ipproponiet li l-Attur jersaq għal att ta' Kostituzzjoni ta' Debitu (ara xhieda tal-istess Martin Grech a' fol 94 fil-kawża 515/2019). Dan l-att ġie fil-fatt ippubblikat fid-29 ta' Mejju 2014 (ara kopja kompluta bid-dokumenti annessi formanti parti mill-istess a' fol 7).
5. Permezz tal-kuntratt imsemmi, l-Attur Kevin Camilleri ikkostitwixxa ruħu veru, ċert u likwidu debitur a favur il-Kumpanija Konvenuta fl-ammont imsemmi ta' €253,173.13.
6. Hekk kif hemm stipulat fl-Att imsemmi, "*Din is-somma hija dovuta mid-debitur a favur il-kumpanija kreditriċi bħala xiri ta' ħalib u prodotti ta' ħalib mibjugħa u konsenjati lid-debitur fil-perjodu bejn il-ħdax (11)*

*ta' Diċembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) u l-għoxrin (20) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) hekk kif deskritt fid-dokumenti hawn anness u mmarkat Dokument 'A'* [a' fol 10].

7. Skond l-istess att, "*Din is-somma għandha titħallas lura fi żmien seba' (7) snin mid-data ta' llum. Fuq din is-somma, jiddekorru l-interessi miftiehma bejn il-partijiet ta' ħamsa fil-mija (5%) fis-sena, kalkulabbli a scaletta. Din is-somma u l-interessi li jiddekorru fuqha għandhom jitħallsu lura permezz ta' pagamenti mensili ta' tlett elef, ħames mija u tmienja u sebgħin Ewro u tlieta u tletin ċenteżmu tal-Ewro (€3,578.33) tul l-imsemmi perjodu ta' seba' (7) snin, kif inhu spjegat aħjar fuq iċ-ċedola ta' pagamenti konsistenti f'paġna waħda, hawn annessa u mmarkata Dokument 'B'* [a' fol 14], *li tifforma parti integrali minn dan il-ftehim. L-imsemmija pagamenti jkunu jkopru kemm il-kapital u kif ukoll l-interessi li jiddekorru fuqha kif spjegat aħjar fl-anness imsemmi.*"

8. Il-Kuntratt ikompli jistipula li "*id-debitur jinkorri l-ħlas ta' imgħaxijiet ulterjuri kalkolati bit-tmienja fil-mija (8%) fis sena, fuq kull rata stipulata li ma titħallasx fid-data meta ssir dovuta, u dan sa l-effettiv pagament ta' dik ir-rata jew ta' kull bilanċ.*"

9. L-istess kuntratt ikompli jispeċifika li "*F'każ li d-debitur jonqos milli żewġ rati kemm konsekuttivi jew le, id-debitur għandu jitlef il-benefiċċju tat-terminu mogħti lilhu skond dan il-ftehim, u kif aħjar regolat fiċ-ċedola hawn annessa dokument 'B', bil-konsegwenza li*

*kull bilanċ mhux imħallas flimkien mal-imgħaxxijiet relattivi fuq tali bilanċ, isiru dovuti mid-debitur lill-kumpanija kreditriċi minnifuh.*"

**1.** Tul l-imsemmi perjodu ta' 7 snin, l-Attur ħallas dsatax (19) minn erbgħa u tmenin (84) pagament mensili ta' €3,578.33 elenkati fl-imsemmija ċedola ta' pagamenti hemm annessa u mmarkata Dokument B (ara xhieda Martin Grech a' fol 97 fil-kawża 515/2019). Dawn id-19 il-pagamenti mensili tħallsu mill-konvenut matul il-perjodu ta' bejn id-9 ta' Mejju 2014 sas-6 ta' Jannar 2016 (ara premessa 4 tar-rikors ġuramentat preżentat mis-Soċjetá konvenuta a' fol 4 flimkien mal-prospett hemm anness bħala Dok B a' fol 17);

**2.** Jirriżulta għalhekk li l-Attur ħallas interessi ta' 5% fl-ammont ta' €18,201.76c (ara Dokument B ammonti 1 sa 19 taħt il-kolonna intestata *Interest Paid* magħdudin flimkien) u jonqsu jħallas kapital fl-ammont ta' €203,386.69c (ara kaxxa numru 19 intestata *Principal Remaining* fid-Dokument B; ara wkoll xhieda ta' Martin Grech a' fol 98 faċċata 2 et seq).

**3.** L-Attur naqas milli jħallas il-bqija tal-pagamenti fid-dati meta saru dovuti kif imniżżlin fid-dokument B taħt il-kolonna intestata '*Payment due by end of:*'. Skatta għalhekk l-obbligu li l-Attur assuma bit-tieni paragrafu tat-tieni paġna tal-att ta' Kostituzzjoni ta' Debitu, jiġifieri li l-bilanċ tal-Kapital fl-ammont ta' €203,386.69c jitħallas bir-rata ta' imgħax ta' 8% u mhux iżjed bil-5% (ara wkoll xhieda Martin Grech a' fol 100 faċċata 2). Dawn l-interessi bir-rata ta' 8% bdew jiġu

kkalkolati mill-1 ta' Marzu 2016 (xhieda Martin Grech a' fol 102 faċċata 2 fil-kawża 515/2019).

**4.** Permezz ta' ittra uffiċjali preżentata fit-28 ta' Marzu 2016 (a' fol 19), is-soċjetá Konvenuta interpellat lill-Attur għal ħlas tal-bilanċ ta' €203,386.69 "*kif ukoll l-imgħaxijiet relattivi bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) skont l-istess kuntratt* [ta' Kostituzzjoni ta' Debitu]".

5. Sat-22 ta' Jannar 2019, dan l-imgħax ta' 8% fuq il-kapital ta' €203,386.69 kien jammonta għal €47,118.85 (ara xhieda Martin Grech a' fol 102 fil-kawża 515/2019). F'din id-data s-Soċjetá Attrici kienet ippreżentat kontra l-Attur rikors għal ħruġ ta' Mandat ta' Qbid in kawtela tal-Kreditu tagħha fl-ammont ta' €250,505.54c li kien jinkludi l-ammonti imsemmija ta' €203,386.69 f'sorti u €47,118.85 f'interessi (ara fol 11 fil-kawża 515/2019). Minkejja li intlaqa' b'digriet tal-1 ta' Frar 2019 (ara premessa 7 tar-Rikors promotur fil-kawża 515/2019 a' fol 2), il-Mandat m'għadux fis-seħħ wara li ġie preżentat kontro-mandat mis-soċjetá Attrici stess (ara digriet Dok A2 a' fol 65 fil-kawża 515/2019). Il-proċeduri eventwali ta' subbasta istitwiti kontra l-konvenut mis-Soċjetá Attrici ġew ukoll minnha rinunzjati (ara nota rinunzja Dok A1 a' fol 63 fil-kawża 515/2019);

6. Fit-28 ta' Mejju 2019, il-Konvenut istitwixxa kontra s-soċjetá Konvenuta azzjoni għal dikjarazzjoni li l-Kuntratt ta' Kostituzzjoni ta' Debitu tad-29 ta' Mejju 2014 huwa affett minn użura adoperata

kontra l-Attur u għalhekk null *in toto* jew *in parte* (ara kawża numru 515/2019);

7. Fit-8 ta' Lulju 2019, is-Soċjetá konvenuta istitwiet kontra l-Attur l-azzjoni odjerna għall-ħlas ta' bilanċ ta' kreditu dovut bis-saħħa tal-imsemmi kuntratt ta' Kostituzzjoni ta' Debitu datat 29 ta' Mejju 2014.
8. Dawn iż-żewġ kawżi mxew u nstemgħu flimkien minn din il-Qorti.

## <u>Punti ta' Liġi</u>

Permezz tal-kawżali u kif mpustata fl-ewwel talba Attriċi, s-Soċjetá Attriċi qed titlob lil din il-Qorti tinforza l-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu tad-29 ta' Mejju 2014. Dan billi tiddikjara li l-Konvenut huwa debitur tal-Kumpannija Attriċi fl-ammont ta' €203,386.70 rappreżentanti bilanċ ta' ammont dovut lilha mill-Konvenut skont il-Kuntratt imsemmi. Igifieri din hija azzjoni normali għall-ħlas ta' debitu peress li d-debitur tilef il-benefiċċju tat-terminu lilu moghti. Għalhekk hija kwistjoni ta' morożita' fil-pagamenti kif mifthema fil-kuntratt u dejjem in konsonanza mal-prinċipju l-ieħor ta' *pacta sunt servanda* għaliex il-kuntratt huwa ligi bejn il-parijiet kif ritenut fis-Sentenza **Tal-Prim awla tat-30 ta' Marzu 2017 fl-ismijiet Martin Grech et -vs- Alexander Grech et.** Ovvjament dan il-prinċipju ġenerali għandu ukoll l-eċċezzjonijiet tiegħu.

## <u>Konsiderazzjonijiet</u>

Fir-risposta tiegħu, l-konvenut jikkontesta l-validitá tal-kuntratt ta' Kostituzzjoni ta' Debitu. B'referenza għall-kawża numru 515/2019 li permezz tagħha qed ifittex li jimpunja l-istess kuntratt, l-konvenut jikkontendi li l-kuntratt ta' Kostituzzjoni ta' Debitu jikkontjeni kawża illeċita għaliex "*jikkontempla imgħax użurarju in kwantu jimponi imgħax "ulterjuri" ta' tmienja fil-mija (8%) fuq bilanċ ta' somma li minnha nnifisha din ħa tkun tinkorpora imgħax bir-rata' ta' ħamsa fil-mija (5%)*" (ara eċċezzjoni numru 2 a' fol 33).

Din l-eċċezzjoni tifforma l-mertu tal-kawża numru 515/2019 istitwita mill-Konvenut Kevin Camilleri. F'dik il-kawża u għal raġunijiet hemm espressi, liema Kawża ġiet deċiza illum stess, il-Qorti ikkonkludiet li l-kuntratt in kwistjoni huwa veru u reali u ma jimponi ebda imgħax in eċċess għal dak stabbilit mill-liġi. L-imgħax għalhekk għandu jiddekorri skont kif jirriżulta fil-ftehim in kwistjoni, jiġifieri bir-rata ta' 8% fuq il-bilanċ tas-somma kapitali fl-ammont ta' €203,386.70.

**Decide**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħdha taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara illi l-intimat huwa debitur tal-kumpannija rikorrenti fl-ammont ta' mitejn u tlett elef tliet mija sitta u tmenin Ewro u sebgħin ċenteżmu (€203,386.70) rappreżentanti bilanċ ta' ammont

dovut mill-intimat lill-kumpannija rikorrenti ai termini tal-kuntratt notarili datat disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju 2014 fejn l-intimat ikkostitwixxa ruħu veru, ċert u likwidu debitur tal-kumpannija rikorrenti;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-intimat iħallas l-ammont premess lill-kumpannija rikorrenti.

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-Konvenut.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat kontestwalment mar-rikors ġuramentat, u bl-imgħax legali ta' tmienja fil-mija (8%) fuq l-imsemmi bilanċ tas-somma kapitali dekorribbli skont il-kuntratt imsemmi.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**